MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 1562/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Mariano Pirrone**
**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Kumpilazzjoni Numru 1562/2007

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Mariano Pirrone** ta' 32 sena, iben Virgilio u Anna Maria nee' Busuttil, imwieled Attard fil-24 ta' Awwissu, 1977, residenti fl-indirizz: 'Norfolk' Flat 16, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 427677M.

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford** ta' 28 sena, iben Alex u Carmen nee Gialanze, imwieled l-Ingilterra fid-29 ta' Novembru, 1982, residenti fl-indirizz: 9 'Emily' Conception Street, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 44501L.

Akkuzat talli:
1. Gewwa l-Qawra, nhar is-27 ta' Dicembru 2007, ghal habta ta' nofsinhar (12:00hrs), akkwistaw, kellhom fil-pussess taghhom ghal liema ghan ikun, zammew jew importaw arma regolari, u cioe pistola tal-marka Bruni minghajr numru tas-serje, u l-munizzjon elenkati fl-iskeda 1 ta' l-Att Dwar L-Armi Kapitoli 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammew f' xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu armi tan-nar u cioe pistola tal-marka Bruni minghajr numru tas-serje u munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att Dwar Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellhom licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi, u dan bi ksur ta' l-artikolu 5(1) ta' l-Att Dwar Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jigu arrestati ghal delitt, kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li javzaw lill Kummissarju tal-Pulizija minnufih meta akkwistaw jew giet f' idejhom arma tan-nar jew munizzjoni xort' ohra milli ghax kellhom licenzja;
5. U aktar talli saru ricedivi b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u Qorti ta' l-Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

**Lill Alexander Anthony Gialanze Whiteford wahdu akkuzat talli :**

6. Wara li diga' kien ikkundannat f' Malta ghal serq, jew ghal ricetazzjoni nstab fil-pussess ta' oggetti li ma humiex tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif dawn gew legittament ghandu;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat liz-zewg imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

a) 3(a). 5(1), 41, 45, 51, 56, 57 u 61 tal-Kaptiolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

c) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma relattivament semplici u jirrizultaw ampjament mill-provi prodotti.

Illi fis-27 ta’ Dicembru 2007 ghall-habta ta’ nofs in-nhar l-imputati kienu qeghdin f’vettura f’ Bugibba misjuqa mill-imputat Pirrone (l-imputat l-iehor Whiteford kien riekeb fil-*passenger seat*). Huma gew imwaqqfa mill-pulizija tal-mobile li kienu fuq patrol f’dawk l-inhawi minhabba l-agir suspettuz taghhom. Wara li gew imwaqqfa saret tfittxija mill-imsemmija pulizija u waqt din it-tfittxija instabu diversi oggetti. F’basket li kien fil-vettura ma’l-art hdejn saqajn l-imputat Whiteford instabu diversi oggetti inkluz arma tan-nar u zewg balaklavi; fil-but ta’ wara tal-qlaziet li kien liebes l-imputat Pirrone kien hemm mus; instabu ukoll zewg tibdiliet ta’ hwejjeg, zewg pari zraben, zewg pari ingwanti, u xi affarijiet ohra.

Illi huwa relevanti li l-ewwel darba li huma raw lill-imputati l-pulizija kienu qed isuqu warajhom (cioe wara l-imputati); l-imputati kellhom l-indicator tan-naha tal-lemin mixghul meta f’daqqa l-vettura ghamlet manuvra lejn il-bankina tan-naha tax-xellug u x-xufier ghamel sinjal biex il-pulizija jaqbzuh. Il-pulizija staqsew lix-xuffier x’kien gara u dan qal

li kienet waqfietlu l-karozza, ghalhekk il-pulizija baqaw mixjin pero immedjatament l-imputati regghu bdew issuqu ghalhekk il-pulizija dawwru u komplew isegwu din il-vettura u eventwalment intercettawha u hemm saret it-tfittxija li wasslet ghall-arrest ta’l-imputati. F’dak il-mument ix-xufier, cioe l-imputat Pirrone, meta rega’ mistoqsi ghalfejn kienu waqfu qabel qal li kien wehhiellu l-*gear lever* u mhux li kienet waqfietlu.

Illi fil-waqt li l-imputat Pirrone jammeti li l-basket li fih instabet l-arma u l-balaklavi huwa tieghu, jichad li l-arma kienet tieghu u jghid li ma jafx kif spiccat hemm.

Ikkunsidrat

Illi ta’ min wiehed jirrileva li hemm differenzi f’l-imputazzjonijiet indikati fic-citazzjoni kif komparati ma dawk indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali; f’din ta’l-ahhar (u huma dawn li ghandu jittiehdu in konsiderazzjoni) l-imputazzjonijiet migjuba kontra iz-zewg imputati jirreferu ghal:

1. Akkwist, pussess, zammha jew importazzjoni ta’ armi regolari u/jew munizzjon indikat f’l-ewwel skeda tal-Kaptiolu 480(ref art 3(a) Kap 480);
2. Pussess ta’ armi u/jew munizzjon elenkati fit-tieni skeda tal-Kapitolu 480 meta ma kellhomx licenzja (ref art 5(1) Kap 480);
3. In-nuqqas ta’l-imputati li jirrapurtaw lill-Kummissarju tal-Pulizija l-fatt li gew fil-pussess ta’ arma u/jew munizzjon meta ma kellhomx licenza (ref art 41 Kap 480); u
4. Tibdiel li sar f’arma tan-nar, b’mod li tbiddlet il-klassifikazzjoni taghha, minghajr licenzja (ref art 45 Kap 480).

Illi l-imputati huma akkuzati ukoll li huma recidivi ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li fil-gurnata in kwistjoni l-imputati kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar u munizzjoni li skond ir-rapport ta’l-espert Maurice Calleja huma elenkati f’l-ewwel u t-tieni skeda tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-assjem tal-provi inkluz dawk indizjarji u b'mod partikolari l-agir suspettuz ta'l-imputati fil-mumenti ta' qabel l-arrest taghhom, dak li qalu lill-pulizija waqt it-tfittxija, l-oggetti kollha li nstabu, u fejn instabu dawn l-oggetti, il-Qorti hija konvinta li z-zewg imputati kienu jafu b'l-arma u l-munizzjoni li kien hemm fil-basket u li dawn l-oggetti kienu hemm mhux biss bill-konsapevolexxa taghhom it-tnejn imma anke bil-kunsens taghhom it-tnejn.

Illi jirrizulta ukoll li l-ebda wiehed mill-imputati ma kellu licenzja rikjesta skond l-imsemmi Kapitolu 480.

Illi mill-atti u b'mod partikolari mir-rapport ta'l-espert Maurice Calleja jirrizulta li f'l-arma li kellhom fil-pussess taghhom l-imputati kien sar xi tibdiel b'mod li l-klassifikazzjoni taghha imbidlet ukoll. Ma jirrizultax mill-provi pero li dan it-tibdiel sar mill-imputati.

Illi ghalhekk mill-ewwel erba' imputazzjonijiet indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali fil-konfront taz-zewg imputati jirrizultaw sodisfacjentement pruvati l-ewwel tlieta.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra z-zewg imputati hija dik tar-recidiva.

Illi bhala prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni gew prezentati zewg sentenzi: wahda datata 7 ta' April 1999 fil-konfront ta' l-imputat Whiteford u l-ohra datata 25 ta' Otubru 2006 fil-konfront ta' l-imputat Pirrone.

Illi permezz tas-sentenza datata 7 ta' April 1999 Whiteford kien gie ikkundannat tlettax il-xahar prigunerija sospiezi ghal sentejn. La darba huwa gie ikkundannat anqas minn hames snin prigunerija fis-sena 1999 u r-reati odjerni sehhew fis-sena 2007 l-imputat Whiteford ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 biss u mhux ta'l-artikolu 50 ukoll.

Illi permezz tas-sentenza datata 25 ta' Ottubru 2006 Pirrone gie ikkundannat multa ghalhekk l-imputat Pirrone ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi l-imputat Whiteford kellu hamsa u ghoxrin sena meta ikkometta r-reati mertu ta' dawn il-proceduri; dak in-nhar huwa kien diga instab hati almenu 14 il-darba ghal diversi reati pero 'l bicca 'l kbira serq aggravat u pussess tad-droga. L-ewwel reat ta' serq ikkommettih meta huwa kellu biss ghaxar snin; ta' tlettax il-sena diga kien jabbuza mid-droga erojina. Mid-depozizzjoni ta' Victoria Scicluna, in rapprezentanza ta'l-Agenzija Sedqa, jirrizulta li l-imputat Whiteford kellu tfulija difficli u li x'aktarx kienu d-diffikultajiet li huwa ghadda minnhom fi tfulitu li wassluh ghat-triq tal-kriminalita minn eta daqshekk zghira. Tul is-snin pero l-imputat kellu l-ghajnuna ta' *social workers* u ufficjali ta' *probation*; huwa beda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga diversi drabi pero minn zmien ghal zmien mhux biss jerga jaqa ghal dan il-vizzju imma jkompli b'l-agir kriminuz tieghu. Fid-diversi sentenzi li inghataw fil-konfornt tieghu Whiteford inghata kull tip ta' piena possibbli: liberta kondizzjonata, *probation*, sentenzi sospiezi u anke sentenzi ta' habs effettiv; l-ebda wahda minn dawn il-mizuri ma halla effett pozittiv fuqu. Jirrizulta ukoll li fil-prezent Whiteford qed jiskonta piena ta' sentejn u nofs prigunerija.

Illi l-imputat Pirrone ukoll ghandu fedina penali kemm xejn refrettarja (ghalkemm mhux daqs ta' l-imputat l-iehor), u hu wkoll ghandu problema tad-droga. Jirrizulta li Pirrone ukoll inghata opportunatijiet mill-Qrati biex jirriabilita ruhu pero jidher li dan hu m'ghamlux.

Illi konsiderazzjoni ohra li bil-fors kellha tiehu l-Qorti hija n-natura tar-reati li taghhom qed jistabu hatja l-imputati u l-piena preskritta ghal dawn ir-reati.

Illi ai termini 61 tal-Kapitolu 480 l-applikazzjoni tal-Kapitolu 446 u ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 hija eskluza ghal reati kommessi kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480. Inoltre ai termini ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ma tistax tinghata sentenza sospieza kemm il-darba l-imputat ikun recidiv ai termini ta'l-artikolu 50 u/jew ikun qed jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ghalhekk tista' timponi biss piena karcerarja effettiva kontra iz-zewg imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a), 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Mariano Pirrone** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hlif ghal dik prospettata f'l-artikolu 45 tal-Kapitolu 480 li minnha qed tilliberah, u ghar-reati li taghhom qed jinstab hati tikkundannah sitt xhur prigunerija u multa ta' tlett mitt Euro (€300) li ghandha titlhallas fi zmien tlett (3) xhur u f'nuqqas ta' hlas fiz-zmien prefiss il-multa tigi konvertieta f'sitta u ghoxrin (26) gurnata prigunerija. In oltre l-imputat Pirrone qed jigi kkundannat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' hamsin Euro u tmien centezmi (€50.08) rapprezentanti nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta'esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien tlett (3) xhur.

Wara li rat l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a), 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Alexander Anthony Gialanze Whiteford** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hlif ghal dik prospettata f'l-artikolu 45 tal-Kapitolu 480 li minnha qed tilliberah u b'dan li huwa ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 biss u mhux ai termini ta'l-artikolu 50 ukoll, u ghar-reati li taghhom qed jinstab hati tikkundannah sitt xhur prigunerija u multa ta' tlett mitt Euro (€300) lil ghandha titlhallas fi zmien tlett (3) xhur u f'nuqqas ta' hlas fiz-zmien prefiss il-multa tigi konvertieta f'sitta u ghoxrin (26) gurnata prigunerija. In oltre l-imputat Whiteford qed jigi kkundannat ihallas lir-

Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' hamsin Euro u tmien centezmi (€50.08) rapprezentanti nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta'esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien tlett (3) xhur.

In konkluzzjoni, ai termini ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 kull wiehed mill-imputati qed jigi projbit milli jkollu kwalunkwe licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 480 ghall-perjodu ta' hames (5) snin, u ai termini ta'l-artikolu 56 ta'l-istess Kapitolu 480 il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, ta'l-arma u l-munizzjon esebieti bhala Dok DZ5.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------